Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 2/2018

**Joseph Borg**

**Vs**

**Daniel Cachia**

8 ta' Marzu, 2019.

1. Il-kawza tikkoncerna bejgh ta' zewg portable *airconditioner units* li xtara minghand il-konvenut mill-hanut *Tablets and More*. L-ilment tal-attur hu li l-*airconditioners* jaghmlu ferm iktar storbju min-*noise level* li hemm stampat fuq il-kaxxa. Ghalhekk talab il-hlas lura ta' elf mija u erbgha u hamsin ewro (€1,154)

2. B'decizjoni tad-29 ta' Marzu, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur iddecieda favur l-attur u kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf ewro (€1,000) wara li rraguna li, *".... m'huwiex accettabbli li min jixtri airconditions jigi subit ghal storbju gholi meta jkunu qed juzaw l-airconditions"*.

3. Permezz ta' rikors prezentat fit-12 ta' Gunju, 2018 il-konvenut appella mid-decizjoni bl-aggravji jkunu li:
   i. Kien l-attur li qabad u xtara *zewg units* minghajr ma ppruvahom.
   ii. L-attur hu inginier u ghalhekk ghandu stampa cara tal-prodott li xtara.
   iii. L-*airconditioners* ma kinux difettuzi.
   iv. It-Tribunal ordna r-rifuzjoni tal-prezz ghaz-*zewg units*, meta wiehed minnhom lanqas biss ma nhareg mill-kaxxa.
   v. Hemm nuqqas ta' harsien tal-principju ta' gustizzja naturali ghaliex jidher li t-Tribunal ma qiesx il-verzjoni tal-konvenut.

vi. Id-*Db readings* li tressqu bhala prova huma *readings* li ha l-attur u ma sarux minn professjonist u ma ttiehdux f'laboratorju kif hu mistenni li jsir. Inoltre' meta wiehed mill-*units* inxtghel fil-hanut, ma wera ebda vibrazzjoni.

vii. L-estensjonijiet li ghamel l-attur seta' kellhom effett negattiv fuq il-*units*.

4. Quddiem it-Tribunal il-konvenut argumenta li dan kien kaz ta' klijent li biddel fehemtu wara li xtara l-*units*.

5. Jirrizulta li l-*units* inxtraw biex jintuzaw f'kamra tas-sodda. L-attur xehed:

> *"Xtrajt 2 portable airconditioners. Dawn jaghmlu hafna storbju. Qabel ma xtrajt staqsejt u qaluli li ma jaghmlux hsejjes. Meta ppruvajtu minn quddiem kien qisu 81 decibles. Pruvajt inkellmu u beda bid-diska ta' you changed your mind. Hu suppost kien ghall-kamra tas-sodda imma ma jhallikx torqod. Irid ikun bejn 60 sa 62 decibles skont l-istandards".*

6. Il-konvenut xehed:

> *"Gie il-hanut xtara portable airconditions. Kellu ic-cans jarahom sew u li nqabbduhom kieku ried fil-hanut. Dan l-a/c jigi bil-fittings tieghu. Dawn il-fittings li ghamel is-sinjur huma a buona volonta tieghu. Qalilna li fuq wiehed ghamel dawn il-fittings. Gie u qalli li ommu fussy u ma tridux u fil-hanut jinstema' mod iehor. Qalli wkoll li kellu jikri post ghalihom. Go karma tas-sodda ma jsirux db tests".*

7. Skont it-taghrif li hemm fuq il-*unit*, in-*noise level* ghandu jkun ta' 65dB. Skont *readings* li ha l-attur fil-kamra tas-sodda fejn pogga wiehed mill-*units*, kien

i. 48.9 dB bl-*airconditioner* mitfi;

ii. 88.4 dB bl-*airconditoner* mixghul mehud minn quddiem f'distanza bejn 70 u 80 centimetru boghod minn fejn hi s-sodda. *Reading* li hu qawwi u ma jippermettix persuna li torqod tajjeb. Li wiehed ikollu dawk il-hsejjes kollha fil-kamra fil-hin ta'

mistrieh hu inaccettabbli u mhux konformi ma' *standards* accettabbli;

iii. 73.2 dB fuq wara tal-*unit* waqt li l-*airconditioner* kien mixghul;

8. Mela l-prova li kellu quddiemu t-Tribunal hu li wiehed mill-*airconditioners* jaghmel hoss ta' iktar minn 65dB. Inoltre' fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2018 rega' xehed il-konvenut li qal: ***"Qbilna li dak il-wiehed li ghadu maghluq <u>inbiddluh</u>"***. Jidher ghalhekk li l-bejjiegh accetta l-ilment tal-attur. Dan apparti li probabbilment il-*unit* l-iehor kien ser jaghmel hoss bl-istess livell bhal dak li tpogga fil-kamra tas-sodda.

9. M'hemmx prova li setghet twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-attur ghamel xi haga li wassal biex saret hsara. Il-*flexible ducting* li sar hu inkluz mal-*portable airconditioner*. M'hemmx prova li l-kumplament tad-*ducting* li sar seta' kellu xi effett fuq in-*noise level* li beda jaghmel l-*airconditioner*.

10. Ghalkemm il-konvenut xehed li f'kamra tas-sodda ma jisrux *Db tests*, ma spjegax ghalfejn. Ghalhekk dik id-dikjarazzjoni m'ghandha l-ebda valur probatorju.

11. Il-qorti tosserva wkoll li f'dan il-kaz l-ammont in kwistjoni hu ta' elf ewro (€1,000). Appell minn decizjoni tat-Tribunal jista' jsir fuq kollox jekk il-valur in kwistjoni jaqbez l-elf u mitejn ewro (€1,200) (ara artikolu 22 tal-Kap. 378). Fejn ma jaqbizx, appell jista' jsir biss dwar:

(a) kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew
(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew
(c) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

12. L-ilmenti tal-konvenut m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-imsemmija kazijiet bl-eccezzjoni tal-ilment li t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-verzjoni tal-konvenut.

13. Il-qorti ma tarax kif dak li xehed il-konvenut fit-13 ta' Frar, 2018 seta' jvarja xi haga mill-mod kif iddecieda t-Tribunal. Il-fatt li l-attur ra l-*airconditioners* fil-hanut u seta' talab lill-konvenut sabiex jixghel il-*unit* biex jisimghu jahdem, ma jfissirx li kien ser isir jaf li l-livell ta' hoss hu iktar minn dak li hemm stampat fuq it-tabella mwahhla mal-*unit*. It-Tribunal kellu dritt jemmen lill-attur li qal li staqsa dwar il-hoss li jaghmel dak il-mudell partikolari, u li t-twegiba tal-konvenut kienet li ma jaghmilx hoss qawwi.

14. Il-qorti tosserva wkoll li kieku ried il-konvenut kellu l-opportunita' kollha li jinkariga bniedem tal-ghazla tieghu sabiex jiehu *readings* tal-hoss li jaghmlu l-*units*, wkoll fil-kamra tas-sodda fejn tpogga wiehed minnhom. Pero' ovvjament il-kummercjant ma kienx dispost li jikkopera gialadarba kien konvint li dan kien kaz fejn ix-xerrej biddel fehmtu wara li sar il-bejgh u konsenja. Il-konvenut kellu jikkunsidra l-kaz b'iktar serjeta'. Ladarba x-xerrej ilmenta li l-*unit* kien jaghmel iktar hoss milli suppost, kien fl-interess tal-konvenut stess li jinvestiga. Lanqas ma talab li jinhatar espert tekniku sabiex jezamina u jirraporta dwar il-hsejjes li jaghmlu l-*airconditioners*. Fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta:

> *"8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost wiehed irid janalizza d-DB readings illi gab prova taghhom l-appellat fil-kuntest illi ma sarux minn professjonist u lanqas ma ttiehdu gewwa laboratorju kif inhu mistenni illi jsir. Waqt illi l-airconditoner kien mitfi dan gie pruvat mill-appellat innifsu fuq livell ta' sound u wera illi r-reading kien diga' jaqra 43.9db. Appena nxtghel dan taha reading ta' 63db. Kif wiehed idur lejn l-ammont ta' vibrazzjonijiet kif rikjest mill-Unjoni Ewropea dan permess illi jitla' sa 65dB per minute. U ghalhekk il-vibrazzjonijiet qed jigu allegat mill-appellat kienu mistennija".*

15. Il-qorti m'hijiex konvinta minn dan ir-ragunament, in kwantu l-attur hu inginier u ma jidher li kien hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal jiddubita l-

ezercizzju li ghamel l-attur. Inoltre', il-konvenut ma xehedx dwar dak li issa qieghed ighid li ghamel. Ir-*reading* bil-*unit* mixghul kien ta' 88.4 dB f'distanza ta' 70 – 80 centimetri 'l boghod mill-unit u vicin is-sodda. Dwar dan il-konvenut ghazel li ma jghid xejn. Dak jidher li kien il-hoss gholi li ghalih irrefera t-Tribunal fid-decizjoni. Ghalhekk fir-rigward tan-*noise level* tal-*airconditoner*, it-Tribunal kellu l-prova tal-attur li ma kinitx kontradetta bi provi ohra.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.